

Brussell, 25 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

10118/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0141(NLE)**

---

**SCH-EVAL 76**  
**SIRIS 69**  
**COMIX 347**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10117/21
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal- <b>Awstrija</b> dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas- <b>Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen</b>

---

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, mill-Awstrija fl-2020.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Awstrija tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fl-14 ta' Ġunju 2021.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċizzjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 10117/21, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.

---